MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 39/2009

**A maghrufa bhala B C personalment u bhala kuratrici ad litem tal-minuri D E b'digriet tad-9 ta' Marzu 2009**

**-vs-**

**F E**
**G H**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A maghrufa bhala B C personalment u bhala kuratrici ad litem tal-minuri D E, fejn din wara li ppremettiet:

Illi fis-sbatax (17) ta' Jannar tas-sena elfejn u disgha (2009) twieled tifel D E skond certifikat tat-twelid numru tlieta, sitta zero (360) tas-sena elfejn u disgha (2009) [anness u mmarkat bhala Dok. A];

Illi ghalkemm fic-certifikat tat-twelid imsemmi gie dikjarat illi l-missier tat-tarbija huwa l-intimat F E, fil-fatt il-minuri gie koncepit f'kors ta' relazzjoni li r-rikorrenti A C kellha mal-intimat G H;

Illi z-zwieg bejn ir-rikorrenti A C u l-intimat F gie dikjarat null u bla effett fil-ligi permezz ta' sentenza datata l-25 ta' Gunju tas-sena 2008, liema dikjarazzjoni ta' nullita' hija ukoll annotata fl-istess certifikat tat-twelid anness u mmarkat bhala Dok. A;

Illi l-paternita' tal-minuri D tista' tigi stabbilita permezz ta' testijiet genetici apposta;

Illi r-rikorrenti proprio et nomine qed titlob ukoll li l-minuri jkun registrat bil-kunjom 'H';

Illi ghalkemm l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku gie nfurmat qabel ir-registrazzjoni tal-minuri li l-minuri kien il-wild naturali ta' G H u dan mir-rikorrenti stess u l-intimat H personalment, il-paternita' tal-minuri xorta wahda giet indikata b'mod erronju fic-certifikat tat-twelid anness;

Ghaldaqstant, jghidu l-intimati ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddeciedi u tiddikjara li l-intimat F E mhux il-missier naturali tal-minuri D E u tiddeciedi u tiddikjara ukoll li l-intimat G H huwa l-missier naturali tal-minuri D E, li twieled fis-sbatax (17) ta' Jannar tas-sena elfejn u disgha (2009);

2. Tordna l-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid tal-minuri D E (Att Nru. 360 tal-2009) billi fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom missier il-minuri tikkancella l-isem 'F E' u tissostitwih bl-isem 'G H' u tordna ukoll illi l-partikolarijiet relattivi ghall-professjoni, sengha jew stat iehor, ghall-eta', ghall-post tat-twelid u residenza, u ghall-isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirreferu ghal missier il-minuri, jigu korretti kontestwalment billi jigu

sostitwiti b’dawk il-partikolarijiet li sejrin jirrizultaw waqt is-smiegh tal-kawza;

3. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jirregistra lill-minuri bil-kunjom ‘H’;

Bl-ispejjez kontra l-intimati, jew min minnhom, ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, fejn dan eccepixxa:

Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jirrileva li l-ewwel talba ghandha tkun li jekk l-azzjoni tirnexxi, ghandu jigi dikjarat li l-intimat F E mhux il-missier naturali tal-minuri in kwistjoni.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost ukoll, jehtieg li r-rikorrenti tispecifika d-dettalji personali kollha ta’ l-allegat missier naturali u cioe’ ta’ G H sabiex jekk it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jintlaqghu, dawn id-dettalji jkunu jistghu jigu inseriti fl-Att tat-Twelid. Inoltre, jekk it-talbiet jintlaqghu l-kunjom tal-minuri ghandu jigi korrett.

Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi jirrizulta li l-esponent mexa skond il-ligi u fil-fatt l-Att tat-Twelid gie redatt ai termini tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhux attribwibbli ghal xi nuqqas ta’ l-intimat li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta’ ammissjoni ta’ F E.

Rat in-nota ta’ ammissjoni ta’ G H.

Rat l-affidavit prodotti.

Ikkunsidrat illi jirrizulta li l-attrici izzewget lill-konvenut F E, liema zwieg gie dikjarat null fil-25 ta’ Gunju 2008. It-tarbija li dwar il-paternita’ taghha saret din il-kawza twieldet fis-17 ta’ Jannar 2009 u ghalhekk giet registrata mid-Direttur tar-Registru Pubbliku bhala bint l-istess E. Il-partijiet fil-kawza jaqblu li t-tarbija hija fil-fatt wild naturali tal-konvenut G H u l-attrici qed titlob li tigi formalment rikonoxxuta mid-Direttur tar-Registru Pubbliku bhala tali.

Il-Qorti tinnota li f’din il-kawza ma gewx prezentati rizultati ta’ ezamijiet xjentifici ghar-rigward tal-paternita’ u ghalhekk il-Qorti kien jehtigielha tasal ghall-konkluzjonijiet taghha wara ezami fil-fond tax-xhieda kollha prodotti.

Il-Qorti tinsab sodisfatta illi jirrizulta bhala fatt illi, ghalkemm iz-zwieg bejn l-attrici u l-konvenut E gie dikjarat null f’Gunju tas-sena 2008, il-partijiet f’dak iz-zwieg kienu ilhom separati de facto mis-Sajf tas-sena 2007. L-attrici tikkonferma dan fl-affidavit taghha li jinsab a fol. 20 tal-atti, kif jikkonferma ukoll il-konvenut E fl-ammissjoni guramentata tieghu.

L-ammissjoni guramentata tal-konvenut l-iehor G H, li tinsab a fol. 27 tal-process tikkonferma ulterjorment illi r-relazzjoni bejn l-attrici u l-konvenut H bdiet f’Jannar tas-sena 2008, u cioe’ precizament sena qabel it-twelid tat-tarbija.
Il-Qorti ikkunsidrat ukoll illi in-nullita’ taz-zwieg bejn l-attrici u l-konvenut E giet dikjarata precizament ghaliex l-istess E kien eskluda l-possibilita’ ta’ wild f’dak iz-zwieg.

**Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:**

Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li F E m'huwiex il-missier naturali tal-minuri D E li twieldet fis-17 ta' Jannar 2009;

Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li l-intimat G H huwa l-missier naturali tal-imsemmi minuri;

Tordna li fl-Att tat-Twelid Nru. 360/09 ghandhom isiru l-korrezzjonijiet mehtiega fis-sens illi fil-kolonni ta' taghrif dwar il-missier, il-konnotati ghandhom ikunu ta' G H, karta tal-identita' Nru. *Omissis (K.I. Nru),* imwieled Pieta', Malta, residenti Sliema, Malta, iben il-mejjet I H, u dawn minflok il-konnotati ta' F E.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-attrici.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------